KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.12.2007
KUMM(2007) 767 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Protezzjoni konsolari effikaċi f'pajjiżi terzi: il-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea

Pjan ta' Azzjoni 2007-2009

{K(2007) 5841 finali}
{SEG(2007) 1600}
{SEG(2007) 1601}

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL, LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Protezzjoni konsolari effikaċi f'pajjiżi terzi: il-kontribut ta' l-Unjoni Ewropea

Pjan ta' Azzjoni 2007-2009

1. DAĦLA

Il-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi u konsolari taċ-ċittadini ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi hija waħda mill-għanijiet ta' politika strateġiċi tal-Kummissjoni fl-2007.

L-Artikolu 20 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ("Artikolu 20 TKE") jipprevedi li "kull cittadin ta' l-Unjoni għandu, fit-territorju ta' pajjiż terz li fih m'hemmx rappreżentanza ta' l-Istat Membru li tiegħu għandu ċ-ċittadinanza, ikun intitolat għall-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi jew konsulari ta' kwalunkwe Stat Membru, taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għall-persuni li jkollhom iċ-ċittadinanza ta' dak l-Istat. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli neċessarji bejniethom u jibdew in-negozjati internazzjonali meħtieġa biex jiżguraw din il-protezzjoni". Dan id-dritt huwa mnaqqax fl-Artikolu 46 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan il-Pjan ta' Azzjoni mhuwiex programm eżawrjenti ta' miżuri li l-Kummissjoni bi ħsiebha tipproponi bejn l-2007 u l-2009. Huwa jsegwi konsultazzjoni pubblika mnedija fit-28 ta' Novembru 2006 bil-pubblikazzjoni ta' *Green Paper* dwar dawn il-kwistjonijiet.

Is-27 Stat Membru diġà japplikaw standards għolja ta' protezzjoni u kooperazzjoni bejniethom. Madankollu, jista' jsir ħafna aktar sabiex l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 20 TKE tiġi ffaċilitata u sabiex tiġi żgurata l-aħjar protezzjoni possibbli taċ-ċittadini ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi. Il-miżuri kollha li jittieħdu f'dan il-qasam, fil-livell nazzjonali u/jew Komunitarju, għandhom ikunu totalment konsistenti ma' dan l-għan. L-għan ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni huwa li jgħin lill-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom f'dan il-qasam, sabiex jassistu ċ-ċittadini li jkunu jeħtieġu għajnuna.

2. IL-ĦTIEĠA LI TISSAĦĦAĦ IL-PROTEZZJONI TAĊ-ĊITTADINI TA' L-UNJONI F'PAJJIŻI TERZI

Attwalment, is-27 Stat Membru kollha huma rappreżentati biss fi tlieta mill-166 pajjiż: ir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti ta' l-Amerika[1]. In-nuqqas ta' rappreżentanza ġiet enfasizzata bit-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea. Hemm 18-il pajjiż fejn l-ebda Stat Membru mhu rappreżentat, 17-il pajjiż fejn Stat Membru wieħed biss huwa rappreżentat u 11-il pajjiż fejn hemm ir-rappreżentanza ta' żewġ Stati Membri. Dawn il-pajjiżi jinkludu għadd ta' destinazzjonijiet turistiċi popolari maċ-ċittadini ta' l-Unjoni (pereżempju il-Baħamas, il-Barbados, il-Madagaskar, il-Maldivi u s-Seychelles). Ir-rappreżentanzi diplomatiċi u konsolari ta' l-Istati Membri huma limitati b'mod speċjali fl-Amerika Ċentrali u l-Karibew, fl-Asja Ċentrali u fl-Afrika Ċentrali u tal-Punent. Huwa stmat li 8.7% taċ-ċittadini ta' l-UE li jivvjaġġaw barra mill-UE jmorru f'pajjiżi terzi fejn l-Istat Membru tagħhom m'għandux rappreżentanza konsolari jew diplomatika. Skond l-għadd ta' vjaġġi li jsiru kull sena miċ-ċittadini ta' l-UE lejn pajjiżi terzi, in-numru stmat ta' ċittadini ta' l-UE "mhux rappreżentati" li jivvjaġġaw lejn pajjiżi barranin kull sena huwa mill-anqas 7 miljuni. Huwa stmat li madwar 2 miljun espatrijat jgħixu f'pajjiż terz fejn l-Istat Membru tagħhom m'huwiex rappreżentat[2].

X'aktarx li dawn in-numri jiżdiedu. Iċ-ċittadini ta' l-Unjoni qegħdin dejjem aktar jivvjaġġaw u jgħixu f'pajjiżi terzi bħala turisti, ħaddiema, studenti eċċ. L-EUROSTAT[3] stmat li fl-2005 l-għadd ta' vjaġġi kien ta'madwar 80 miljun. Nofs l-għadd ta' ċittadini ta' l-Unjoni jistennew li jivvjaġġaw lejn pajjiż terz fit-tliet snin li ġejjin[4]. Fl-2006 il-Kunsill ħareġ stima li ċ-ċittadini ta' l-Unjoni jagħmlu madwar 180 miljun vjaġġ kull sena.

Bosta Stati Membri ma jirreġistrawx l-għadd eżatt ta' talbiet għal għajnuna konsolari. Fuq il-bażi tat-tweġibiet mill-Istati Membri, huwa stmat li fil-vjaġġi tagħhom 'il barra mill-Ewropa, madwar 0.53% taċ-ċittadini ta' l-UE jeħtieġu għajnuna konsolari, li jammonta għal mill-anqas 425,000 każ fis-sena. Huwa stmat li mill-anqas 37,000 minn dawn il-każi jikkonċernaw ċittadini ta' l-Unjoni li l-Istat Membru minn fejn joriġinaw mhux rappreżentat fil-pajjiż terz.[5]

L-għadd relattivament baxx ta' talbiet għal għajnuna konsolari jista' jkun minħabba l-għarfien limitat taċ-ċittadini dwar l-Arikolu 20 tat-TKE. Il-konsultazzjoni pubblika kkonfermat li bosta ċittadini ta' l-Unjoni mhumiex konxji mill-Artikolu 20 TKE. Fi stħarriġ ta' l-Ewrobarometru ppubblikat fl-2006, 23% biss minn dawk intervistati kienu qatt semgħu dwar il-possibbiltajiet mogħtija mill-Artikolu 20 TKE. Fl-istess ħin, il-konsultazzjoni pubblika ħarġet fid-dieher li ċ-ċittadini għandhom stennijiet kbar mill-Ewropa f'dan il-qasam.

---

1 Id-dokument tal-Kunsill 16838/1/06 tat-23 ta' Marzu dwar ir-rappreżentanza diplomatika tal-Presidenza f'pajjiżi terzi, mhux ippubblikat.

2 Valutazzjoni ta l-impatt, punti 2.2 u 2.8

3 *Database* dwar il-popolazzjoni, taqsima dwar it-turiżmu. Id-*data* tinkludi vaganzi u vjaġġi fuq xogħol ta' akar minn jum wieħed matul l-2005.

4 Ewrobarometru Nru 118 ta' Lulju 2006.

5 Valutazzjoni ta' l-Impatt, punt 2.2.

L-Istati Membri diġà daħħlu fis-seħħ xi mekkaniżmi ta' koordinazzjoni f'dan il-qasam, kif ħareġ fid-dieher fit-tsunami ta' l-2004 u matul il-kriżi tal-Libanu fl-2006. Madankollu, għad hemm lok għal titjib fil-kooperazzjoni, il-koordinazzjoni u l-qsim tal-piż bejn l-Istati Membri.[6] Barra minn hekk, il-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi u konsolari mhix limitata għal sitwazzjonijiet ta' kriżi, iżda tinkludi l-għajnuna jum b'jum għal problemi individwali bħal meta jintilfu l-passaporti, serq u inċidenti serji.

Il-qafas ta' l-"Istat Ewlieni" għandu jissemma f'dan il-kuntest. Din is-sura ġdida ta' kooperazzjoni konsolari hija mfassla biex issaħħaħ il-kooperazzjoni konsolari u ttejjeb il-protezzjoni taċ-ċittadini ta' l'UE fi żminijiet ta' kriżi f'pajjiżi terzi fejn għadd żgħir ta' Stati Membri huma rappreżentati. Stat Membru wieħed jew iżjed jinħatru bħala "Stat Ewlieni" fil-pajjiż terz sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni taċ-ċittadini ta' l-Unjoni mingħajr rappreżentanza f'isem l-Istati Membri l-oħra. Fil-każ ta' evakwazzjoni, l-"Istat Ewlieni" huwa responsabbli mill-evakwazzjoni taċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni għal post anqas perikoluż. Fil-kuntest ta' l-Artikolu 20 TKE, il-Kummissjoni tqis li l-arranġament ta' "Stat Ewlieni" bħala pass pożittiv lejn qsim tal-piż aktar effikaċi f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

Ir-regoli Komunitarji f'dan il-qasam huma limitati ħafna, u jikkonsistu f'żewġ Deċiżjonijiet adottati mir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri. Id-Deċiżjoni 95/553/KE[7] tintitola liċ-ċittadini ta' l-Unjoni li mhumiex rappreżentati protezzjoni minn kwalunkwe rappreżentanza diplomatika jew konsolari mill-Istati Membri fuq l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat, eż. fil-każ ta' mewt, inċidenti serji, arrest jew ripatrijazzjoni. Din id-Deċiżjoni mhix eżawrjenti billi ma tkoprix b'mod espliċitu ċirkorstanzi oħra meta ċ-ċittadini ta' l-Unjoni jista' jkollhom bżonn l-għajnuna. Id-Deċiżjoni 96/409/PBSK[8] tintitola liċ-ċittadini ta' l-Unjoni li mhumiex rappreżentati u li tilfu d-dokument ta' l-ivvjaġġar tagħhom għal dokument ta' vvjaġġar ta' emerġenza maħruġ minn kwalunkwe Stat Membru ieħor rappreżentat fil-post. Barra minn hekk l-Istati Membri fasslu Linji Gwida mhux obbligatorji dwar il-protezzjoni konsolari fi ħdan il-Kunsill.[9] Is-sejħiet għal protezzjoni konsolari mtejba ser kważi ċertament jiżdiedu fil-ġejjieni hekk kif iċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea jsiru konxji mid-drittijiet tagħhom taħt l-Artikolu 20 TKE u minħabba ż-żieda fl-ivvjaġġar internazzjonali. Id-diżastri naturali, l-attakki terroristiċi u l-instabbiltà politika huma raġunijiet oħra ta' tħassib.

Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Riforma ser jipprovdi bażi legali ċara għal-liġi ta' l-UE f'dan il-qasam. L-għażla tal-kliem modifikata ta' l-Artikolu 20 TKE tippermetti lill-Kunsill li jadotta direttivi "li jistabbilixxu l-miżuri ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni meħtieġa għall-iffaċilitar ta' din il-protezzjoni."

---

6 Fl-aħħar snin ġew ippreżentati diversi inizjattivi sabiex tittejjeb il-kapaċità ta' reazzjoni ta' l-Unjoni għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Eżempju wieħed huwa r-rapport imressaq fid-9 ta' Mejju 2006 minn Michel Barnier: "Għal korp tal-protezzjoni ċivili Ewropew: Europe aid".

7 ĠU L 314, 28.12.1995, p. 73

8 ĠU L 168, 16.07.1996, p. 4.

9 Id-dokument tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, 10109/06 tat-02.06.2006.

L-għan ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni huwa li jipproponi azzjoni mmirata biex tlaħħam l-Artikolu 20 TKE u biex tindirizza n-nuqqasijiet attwali u li jistgħu jitbassru f'dan il-qasam.

3. IR-RIŻULTAT TAL-KONSULTAZZJONI PUBBLIKA

Fl-2006, il-Kummissjoni nediet konsultazzjoni pubblika wiesgħa bil-pubblikazzjoni ta' *Green Paper* dwar il-protezzjoni diplomatika u konsolari taċ-ċittadini ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi[10] li pproponiet għadd ta' miżuri possibbli. Ir-risposta għall-*Green Paper* ħarġet fid-dieher interess sinifikanti dwar din il-kwistjoni[11]. Sar smigħ pubbliku fid-29 ta' Mejju 2007.

Is-soċjetà ċivili, istituzzjonijiet Ewropej oħra u parteċipanti individwali argumentaw favur li jintgħamel sforz akbar favur l-Artikolu 20 tat-TKE bħala espressjoni tanġibbli taċ-ċittadinanza ta' l-Unjoni. Diversi Stati Membri appellaw għall-prudenza filwaqt li fakkru li huma primarjament responsabbli mill-iżgurar tal-protezzjoni taċ-ċittadini tagħhom.

4. IL-ĦTIEĠA GĦAL METODU PROGRESSIV U GRADWALI

It-tisħiħ effikaċi tad-dritt għall-protezzjoni mill-awtoritajiet diplomatiċi u konsolari mnaqqxa fl-Artikolu 20 TKE huwa sfida kumplessa li ma tistax tinkiseb b'inizjattiva waħda biss, iżda teħtieġ pakkett komprensiv ta' miżuri bbażati fuq strateġija b'terminu twil. Jagħti l-każ li l-Istati Membri verament għandhom responsabbiltajiet primarji f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni tixtieq tgħinhom fit-twettiq ta' dawk ir-responsabbiltajiet. Għalhekk huwa meħtieġ metodu progressiv u gradwali.

Il-kumplessità legali u teknika ta' ċerti miżuri jeħtieġu analiżi fil-fond u tħejjija f'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri.

- Il-Kummissjoni tipproponi l-Pjan ta' Azzjoni li ġej għas-snin 2007-2009 inkluża sensiela ta' miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi.

5. OQSMA IDENTIFIKATI GĦAL AZZJONI 2007-2009

5.1. Tagħrif għaċ-ċittadini

Il-konsultazzjoni pubblika kkonfermat li s-sensibilizzazzjoni pubblika f'dan il-qasam hija limitata. F'April 2007 l-Kummissjoni nediet kampanja ta' tagħrif b'powsters li jfissru l-Artikolu 20 TKE u d-Deċiżjoni 95/553/KE b'mod sempliċi. Il-powsters tqassam fuq talba ta' aġenziji ta' l-ivvjaġġar f'diversi Stati Membri. Barra minn hekk, is-Segretarjat tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea qassam fuljett dwar l-

---

10 COM (2006) 712 finali.

11 Ir-risposti għall-*Green Paper* jinsabu fuq is-sit: http://ec.europa.eu/justice_home/news/consulting_public/news_consulting_public_en.htm

"Għajnuna Konsolari Ewropea".[12] L-Istati Membri qassmu wkoll informazzjoni dwar l-Artikolu 20 TKE fuq il-livell nazzjonali. Minkejja dawn l-isforzi, il-parti l-kbira taċ-ċittadini għadhom mhumiex konxji mill-eżistenza u l-għan ta' l-Artikolu 20 TKE.

5.1.1. L-Istati Membri jiġu rrikmandati jistampaw l-Artikolu 20 TKE fil-passaporti

Bħala l-ewwel miżura, meħmuża ma' dan il-pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni qed tressaq Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri sabiex jinkludu l-kliem ta' l-Artikolu 20 TKE fil-passaporti. Din l-idea, li ssemmiet fil-*Green Paper*, kienet ġiet issuġġerita fir-rapport Barnier[13] u mill-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea fl-2006[14]. Il-proposta ġiet milqugħa b'mod kważi unanimu matul il-konsultazzjoni pubblika bħala mezz effikaċi kif jintlaħqu l-individwi li jivvjaġġaw lejn pajjiżi terzi. Sar ukoll is-suġġeriment li tiġi stampata referenza għal websajt Ewropea li tippermetti liċ-ċittadini jsibu tagħrif aktar dettaljat. Issa l-Kummissjoni qed tagħmel ir-rakkomandazzjoni li l-Istati Membri jistampaw l-Artikolu 20 tat-TKE fil-passaporti li jinħarġu wara l-1 ta' Lulju 2009. Fir-rigward tal-passaporti li jinħarġu qabel dik id-data, il-Kummissjoni tirrikmanda d-distribuzzjoni ta' stikers li fuqhom ikun hemm stampat it-test ta' l-Artikolu 20 tat-TKE u dawn jitwaħħlu fuq in-naħa ta' barra tal-qoxra ta' wara tal-passaporti. Hija responsabbiltà ta' l-Istat Membru li jiddeċiedi jekk dawn isirux disponibbli u kif ser isiru. Din il-miżura żżid b'mod sinifikanti l-għarfien taċ-ċittadini ta' l-Artikolu 20 TKE bi spejjeż limitati.

- Il-Kummissjoni tirrikmanda lill-Istati Membri sabiex jistampaw l-Artikolu 20TKE fil-passaporti li jinħarġu wara l-1 ta' Lulju 2009 u jqassmu stikers biex jitwaħħlu fuq in-naħa ta' barra tal-qoxra ta' wara tal-passaporti li nħarġu qabel dik id-data (mill-2008 'l quddiem)

5.1.2. Tissokta l-kampanja ta' tagħrif lill-pubbliku ġenerali

Il-Kummissjoni ser tħejji powster dwar il-protezzjoni konsolari biex jitqassam f'postijiet strateġiċi, bħall-ajruporti, postijiet ta' fruntiera esterna u stazzjonijiet ferrovjarji, fi sħubija ma' l-Istati Membri.

- Il-Kummissjoni ser tħejji powster dwar il-protezzjoni konsolari biex jitqassam f'postijiet strateġiċi fi sħubija ma' l-Istati Membri (mill-2007 'l quddiem)

5.1.3. Tiġi stabbilita websajt ta' l-UE dwar il-protezzjoni konsolari

Fl-2008 l-Kummissjoni bi ħsiebha toħloq websajt speċjali dwar il-protezzjoni konsolari fuq is-sit "Europa". Din il-websajt ser tintuża għall-ippubblikar ta' tagħrif prattiku kif imniżżel hawn taħt.

---

12 http://www.travel-voyage.consilium.europa.eu

13 Ara n-nota tal-qiegħ 6.

14 Id-dokument 10551/06 tal-15.06.06.

Il-websajt tista' tintuża wkoll biex tiffaċilita l-aċċess għall-avviżi ta' pariri għall-ivvjaġġar ta' l-Istati Membri. Tista' tipprovdi *links* għall-avviżi dwar il-pariri għall-ivvjaġġar ta' l-Istati Membri u għall-websajt tas-Segretarjat Ġenerali[15].

- Il-Kummissjoni ser tistabbilixxi websajt fis-sit "Europa" sabiex tippubblika tagħrif dwar il-protezzjoni konsolari (2008)

5.1.4. L-ippubblikar ta' tagħrif f'rappreżentanzi ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi

Ħafna nies jistgħu jsibu lista aġġornata ta' l-ambaxxati u l-konsolati ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi bħala utli. Attwalment dan it-tagħrif, li jinġabar kull sentejn mis-Segretarjat tal-Kunsill,[16] mhux faċilment disponibbli għall-pubbliku. Il-Kummissjoni ser tippubblikah fuq il-websajt proposta.

- Il-Kummissjoni ser titlob lill-Istati Membri biex jagħtuha tagħrif aġġornat dwar ir-rappreżentanzi tagħhom f'pajjżi terzi u tippubblikahom onlajn (mill-2008 'l quddiem)

5.1.5. Miżuri pubbliċi li jimplimentaw l-Artikolu 20 TKE

Il-Kummissjoni ser tippubblika l-miżuri rilevanti li jimplimentaw l-Artikolu 20 TKE dwar il-websajt proposta. Hija tirrikmanda li tali miżuri jiġu ppubblikati wkoll fil-Ġurnal Uffiċjali.

- Il-Kummissjoni ser tippubblika l-miżuri li jimplimentaw l-Artikolu 20 TKE fuq il-websajt ġejjieni tagħha (mill-2008 'l quddiem)

5.1.6. Jiġi stabbilit numru tat-telefown ta' l-UE dwar il-protezzjoni konsolari

Il-Kummissjoni ser tanalizza l-possibbiltà li sa l-2009 tipprovdi tagħrif dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni konsolari fuq it-telefown, eż. id-dettalji ta' kuntatt tal-konsulati u l-ambaxxati ta' l-Istati Membri f'pajjiżi terzi.

- Il-Kummissjoni ser tanalizza l-possibbiltà li tipprovdi tagħrif dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni konsolari bit-telefown (mill-2009)

5.2. L-għan tal-protezzjoni taċ-ċittadini ta' l-Unjoni

Matul il-konsultazzjoni pubblika ħareġ fid-dieher li l-Artikolu 20 TKE huwa soġġett għal interpretazzjonijiet differenti. Xi wħud jikkunsidrawh li jkopri kemm protezzjoni diplomatika kif ukoll konsolari filwaqt li oħrajn jgħidu li l-għan tiegħu huwa għal protezzjoni konsolari. Il-protezzjoni diplomatika tikkonsisiti mill-

15 www.travel-voyage.consilium.europa.eu

16 "Rappreżentazzjoni diplomatika f'pajjiżi terzi tal-Presidenza - L-ewwel nofs ta' l-2007" dokument tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, 16838/1/06 tat-23.03.2007.

invokazzjoni tar-responsabbiltà ta' Stat mingħand Stat ieħor għal dannu kkawżat lil persuna naturali jew legali u li hija ċittadin ta' l-ewwel Stat[17].

Jidher li l-maġġoranza tal-każi fejn iċ-ċittadini ta' l-UE jeħtieġu għajnuna f'pajjiżi terzi huma marbuta mal-protezzjoni konsolari.[18] Għalhekk, fil-perjodu taż-żmien kopert minn dan il-Pjan ta' Azzjoni, il-Kummissjoni ser tikkonċentra fuq it-titjib tal-protezzjoni konsolari taċ-ċittadini ta' l-Unjoni f'pajjiżi terzi. Dan mingħajr preġudizzju għal azzjoni ġejjiena possibbli fil-qasam tal-protezzjoni diplomatika.

5.2.1. *Jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha ta' l-UE jgawdu mill-istess livelli ta' protezzjoni*

Matul il-konsultazzjoni pubblika ħareġ fid-dieher li l-livell ta' protezzjoni konsolari jvarja bejn Stat Membru u ieħor. Id-diskrepanzi jistgħu jnaqqsu mill-effikaċja sħiħa ta' l-Artikolu 20 TKE. Il-Kummissjoni ser tanalizza l-leġiżlazzjoni u l-prattiċi ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni konsolari u tivvaluta l-livell u n-natura ta' dawn id-diskrepanzi.

- F'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri, il-Kummissjoni ser tivvaluta l-livell u n-natura tad-diskrepanzi fil-leġiżlazzjoni u l-prattiċi fil-qasam tal-protezzjoni konsolari (mill-2008 'il quddiem).

5.2.2. *Il-protezzjoni lill-membri tal-familja ta' ċittadini ta' l-Unjoni li huma ċittadini ta' pajjiż terz*

Huwa stmat li madwar 6 miljun ċittadin ta' l-Unjoni huma miżżewġin ma' ċittadini ta' pajjiżi terzi.[19] In-nuqqas ta' protezzjoni lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma membri tal-familja ta' ċittadin ta' l-UE jista' joħloq diffikultajiet u niket meta ċ-ċittadini u l-familji tagħhom isibu ruħhom fl-inkwiet. Ċerti Stati Membri diġà jipprovdu għall-protezzjoni tal-membri tal-familja taċ-ċittadini li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi, filwaqt li oħrajn ma jagħmlux dan, jew inkella jipprovdu protezzjoni fuq bażi diskrezzjonali. Sabiex jissaħħaħ id-dritt għall-protezzjoni taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, il-Kumissjoni ser teżamina l-possibbiltà li tipprovdi protezzjoni konsolari taħt l-Artikolu 20 TKE lill-membri tal-familja ta' ċittadini ta' l-Unjoni. Din il-protezzjoni tkun konsistenti mal-leġiżlazzjoni tal-Kummissjoni fil-qasam tal-moviment ħieles taċ-ċittadini ta' l-Unjoni.[20] Diversi mistoqsijiet, bħad-definizzjoni ta' membri tal-familja u l-kwistjoni taċ-ċittadinanza doppja, jeħtieġu analiżi ulterjuri.

- Il-Kummissjoni ser teżamina l-possibbiltà li tiġi żgurata protezzjoni konsolari għall-membri tal-familja ta' ċittadini ta' l-Unjoni li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi (2009)

---

17 Ara t-test sħiħ ta' l-abbozz ta' l-Artikolu 1 tan-NU. Ir-rapport dwar il-Kummissjoni tal-Liġi Internzzjonali 2006 (A/61/10).

18 Il-protezzjoni konsolari hija l-għoti ta' appoġġ u għajnuna minn stat lil ċittadini barra minn pajjiżhom, kemm bħala ċittadini tagħhom kif ukoll lil dawk iċ-ċittadini li tkun ftiehmet li tgħin. Tista' tingħata mill-awtoritajiet konsolari jew diplomatiċi.

19 Valutazzjoni ta' l-Impatt punt 5.3.

20 Ara eż. id-Direttiva 2004/38/KE, ĠU Nru L 158, 30. 04. 2004, p. 77.

5.2.3. *Il-protezzjoni għall-identifikazzjoni u r-ripatrijazzjoni tal-katavru*

Fi żmien niket kbir, formalitajiet amministrattivi kumplessi u li jiswew ħafna flus fir-rigward ta' l-identifikazzjoni u r-ripatrijazzjoni tal-mejtin jistgħu biss jgħarrqu sitwazzjoni li tkun diġà ħażina. Il-konsultazzjoni pubblika ħarġet fid-dieher ftehim usa' dwar il-ħtieġa li l-proċeduri amministrattivi għall-identifikazzjoni u ripatrijazzjoni tal-katavru, li spiss ikunu kumplessi u jiswew ħafna flus, jiġu ssimplifikati.

F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota l-esperjenza ġeneralment pożittva tal-15-il Stat Membru li huma partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni ta' l-1973 tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar it-trasferiment tal-katavri.[21] Il-Kummissjoni tirrikmanda li t-12-il-Stat Membru l-oħra jaċċedu għal dan l-istrument. Ir-ratifika mill-Istati Membri kollha għandha sseħħ mill-aktar fis possibbli.

Dan jista' joħloq pjattaforma komuni b'saħħitha għal azzjoni fuq livell multilaterali għall-kunsiderazzjoni dwar kif jistgħu jiġu ssimplifikati l-proċeduri għar-ripatrijazzjoni tal-katavri minn pajjiżi terzi.

- Il-Kummissjoni ser tirrikmanda lill-Istati Membri li għadhom ma aċċedewx għall-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropea ta' l-1973 sabiex jagħmlu dan (2008)

- Il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-aħjar mod kif jistgħu jiġu ssimplifikati l-proċeduri għar-ripatrijazzjoni tal-katavri minn pajjiżi terzi fuq livell multilaterali (2009)

5.2.4. *Tiġi kkunsidrata l-ħtieġa għas-simplifikar tal-proċeduri ta' avvanzi finanzjarji*

Kien hemm reazzjonijiet differenti dwar is-suġġeriment tal-*Green Paper* biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-avvanzi finanzjarji (l-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 95/553/KE). Xi Stati Membri kkunsidraw li l-proċeduri kurrenti jiffunzjonaw sew, filwaqt li oħrajn jippreferu simplifikazzjoni u/jew il-ħolqien ta' sistema ta' kumpens.

Il-"Lini Gwida dwar il-Protezzjoni Konsolari" jirrikmandaw li l-Istati Membri jagħtu r-rimborż lill-Istat li jagħti l-għajnuna b'mod prammatiku. F'każi ta' ripatrijazzjoni, l-Istati Membri huma inkoraġġiti jagħtu rimborżi fuq bażi prorata; l-Istat Membru li jitlob il-ħlas jiġbor lura l-pagament miċ-ċittadini tiegħu. Il-Kummissjoni ser teżamina ulterjorment jekk il-proċeduri kurrenti humiex sodisfaċenti.

Il-possibbiltà li tiġi stabbilita sistema ta' kumpens bejn l-Istati Membri ser tiġi analizzata. Tkun tista' tipprevedi r-rimborż lill-Istati Membri għall-ispejjeż li jkunu saru fl-għoti tal-protezzjoni konsolari lil ċittadini ta' l-UE ta' Stati Membri oħra. Fil-livell amministrattiv, is-sistema għandha tkun sempliċi u effikaċi.

- Il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-ħtieġa li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għal avvanzi finanzjarji (2009)

---

[21] Ftehim dwar it-Trasferiment tal-Katavri, Strasburgu 26.10.1973. Sal-lum din il-konvenzjoni ġiet ratifika minn 21 Stat li fosthom hemm 15-il Stat Membru.

- Il-possibbiltà li tiġi stabbilita sistema ta' kumpens bejn l-Istati Membri ser tiġi analizzata (2009)

5.3. Strutturi u riżorsi

Diversi Stati Membri jagħmlu użu minn arranġamenti ta' kolokazzjoni[22] f'pajjiżi terzi bħala mezz biex inaqqsu l-ispejjeż u jtejbu l-koordinazzjoni. F'Dar es Salaam u Abuja, id-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni jaqsmu l-bini ma' ċerti Stati Membri. Kull imsieħeb huwa s-sid u jħallas il-parti tal-bini tiegħu filwaqt li l-ispejjeż komuni jinqasmu fuq bażi prorata.

Il-ħolqien ta' uffiċċji komuni, disponibbli għaċ-ċittadini kollha ta' l-UE, jikkumpensa għall-preżenza konsolari limitata f'pajjiżi terzi u dawn l-uffiċċji jistgħu jiġu stabbiliti flimkien ma' delegazzjoni tal-Kummissjoni. L-ispejjeż għandhom jinqasmu prorata bejn l-Istati Membri parteċipanti skond arranġamenti kurrenti. Barra mill-benefiċċji li jistgħu joħorġu mill-kololkazzjoni (anqas spejjeż u kooperazzjoni reċiproka mtejba), l-uffiċċji komuni jkunu jiffunzjonaw fuq il-bażi ta' sistema ċara u trasparenti ta' rappreżentanza reċiproka. Din is-sistema tkun pass 'il quddiem lejn protezzjoni aħjar taċ-ċittadini ta' l-UE li jkunu jeħtiġuha billi tkun tiffunzjona l-ħin kollu, u mhux biss f'ċirkostanzi straordinarji, bħal f'kunflitti u diżastri naturali. F'dan is-sens, din tkun tikkumplimenta l-"Istat Ewlieni".

Il-Kummissjoni ser teżamina l-possibbiltà li tistabbilixxi, f'kooperazzjoni ma' Stati Membri u bħala proġett pilota, uffiċċju komuni f'pajjiż terz fejn hemm għadd żgħir ta' Stati Membri li huma rappreżentati. L-ewwel, il-Kummissjoni ser teżamina l-funzjonijiet, l-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-qsim tal-piż tal-proġett pilota. Diġà teżisti sistema ta' rappreżentanza, partikolarment fil-qasam tal-politika dwar viża komuni fejn inkiseb progress sinifikanti permezz ta' l-Istruzzjonijiet Konsolari Komuni u t-tnedija ta' l-ewwel "Ċentru ta' Applikazzjoni għal Viża Komuni" ta' l-UE fil-Moldova. Attwalment il-funzjonijiet taċ-Ċentru ta' Applikazzjoni għal Viża Komuni huma ferm differenti minn dawk ta' l-uffiċċji komuni previsti. Madadnkollu, fuq terminu twil, tista' titbassar l-amalgamazzjoni taż-żewġ kunċetti f'uffiċċji komuni li jwettqu firxa wiesgħa ta' servizzi konsolari, inkluż it-trattament ta' applikazzjoni tal-viża.

Wara evalwazzjoni tal-proġett pilota, l-uffiċċji komuni jistgħu jiġu estiżi f'żoni oħra tad-dinja.

- Il-Kummissjoni ser tipproponi li jiġi stabbilit uffiċċju komuni f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri f'kolokazzjoni mad-delegazzjoni tal-Kummissjoni f'reġjun wieħed bħala proġett pilota li għandu jiġi evalwat (2008)

5.4. L-iskambju ta' l-aħjar prattiċi u taħriġ

Il-konsultazzjoni pubblika kkonfermat il-ħtieġa ta' diskussjoni tal-problemi komuni, il-promozzjoni ta' l-aħjar prattiċi u l-iffaċilitar ta' l-iskambju ta' informazzjoni bejn

[22] Dan huwa l-każ, pereżempju, f'Abula, Ashgabat, Dar es Salaam, Pyongyang, Quito, Reykjavik, Minsk u Chisinau.

l-atturi differenti. Fi tmiem l-2007, il-Kummissjoni ser torganizza seminar li ser iservi bħala bażi għal azzjoni ġejjiena f'dan il-qasam.

- Il-Kummissoni ser torganizza seminar sabiex tidentifika l-problemi komuni u l-ħtiġiet f'dan il-qasam (2007) bil-għan li tiffaċilita l-iskambju ta' l-aħajr prattiċi u t-taħriġ (mill-2008 'l quddiem)

5.5. Il-kunsens ta' l-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi

Ir-rekwiżit tal-kunsens tal-pajjiżi terzi huwa regola ġenerali tal-liġi internazzjonali. L-Artikolu 20 TKE jipprovdi li l-Istati Membri "għandhom jibdew in-negozjati internazzjonali meħtieġa biex jiżguraw il-protezzjoni". Wieħed jista' jargumenta li n-notifika unilaterali lill-Istat li jirċievi tista' tkun biżżejjed skond l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsolari[23]. Madankollu, il-kunsens espliċitu jtejjeb iċ-ċertezza legali filwaqt li jagħti tifsira konkreta liċ-ċittadinanza Ewropea anke fil-konfront ta' pajjiżi terzi.

Skond il-flessibbiltà meħtieġa għall-kunsiderazjoni taċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull negozjat u biex tiġi ttrattata din il-kwistjoni fuq il-bażi ta' każ b'każ, il-Kummissjoni tirrikmanda lill-Istati Membri sabiex fil-ftehimiet bilaterali ġejjiena ma' pajjiżi terzi jinkludu klawżola ta' kunsens. Bl-istess mod, il-Kummissjoni bi ħsiebha tipproponi klawżola ta' kunsens fi ftehimiet "imħallta" fil-ġejjieni konklużi bejn il-Komunità u l-Istati Membri ma' pajjiżi terzi.

Fuq terminu twil, il-Kummissjoni ser tikkunsidra wkoll il-possibbiltà li tikseb il-kunsens ta' pajjiżi terzi li jippermettu lill-Unjoni teżerċita l-protezzjoni li tagħti mid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni. Għalkemm l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà primarja li jiżguraw il-protezzjoni għaċ-ċittadini tagħhom, id-delegazzjonijiet, meta jiġu awtorizzati mill-Kunsill, jistgħu jeżerċitaw il-protezzjonijiet fi kwistjonijiet li jaqgħu taħt kompetenza Komunitarja b'konformità mal-każistika tal-Qorti tal-Prim' Istanza. [24]

- Il-Kummissjoni tirrikmanda li l-Istati Membri jinnegozjaw klawżola ta' kunsens fi ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi biex jiżguraw il-protezzjoni taċ-ċittadini tagħhom mill-awtoritajiet diplomatiċi u konsolari (2007)

- Il-Kummissjoni bi ħsiebha tipproponi n-negozjar ta' klawżola ta' kunsens fi ftehimiet "imħallta" ġejjiena ma' pajjiżi terzi biex tiġi żgurata l-protezzjoni taċ-ċittadini tagħhom mill-awtoritajiet diplomatiċi u konsolari (mill-2008 'l quddiem)

- Il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-protezzjoni li tagħti mid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni f'każi li jaqgħu fil-kompetenza Komunitarja (2009)

---

23 Dan l-Artikolu jgħid hekk: "Wara li ssir in-notifika xierqa lill-Istat li jirċievi, uffiċċju konsolari ta' l-Istat li jibgħat jista', sakemm ma jkun hemm l-ebda oġġezzjoni mill-Istat li jirċievi, jeżerċita funzjonijiet konsolari fl-Istat li jirċievi f'isem Stat terz".

24 Kawża T-572/93.

6. PJAN TA' AZZJONI 2007-2009

Azzjoni għall-2007:

- L-Istati Membri jiġu rrikmandati jistampaw l-Artikolu 20 TKE fil-passaporti
- Issir kampanja ta' informazzjoni
- Jiġi organizzat seminar fejn l-Istati Membri jesploraw il-ħtiġiet tagħhom fl-iskambju ta' l-aħjar prattiċi
- Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri sabiex jinnegozjaw "klawżola ta' kunsens" fi ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi

Azzjoni għall-2008:

- Tiġi stabbilita websajt ta' l-UE dwar il-protezzjoni konsolari
- L-Istati Membri jiġu rrikmandati jaċċedu għall-Konvenzjoni ta' l-1973 dwar it-trasferiment tal-katavri
- Issir il-valutazzjoni tal-livell u n-natura tad-diskrepanzi fil-leġiżlazzjoni u l-prattiċi ta' l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni konsolari
- Segwitu tas-seminar
- Issir proposta biex jiġi stabbilit uffiċċju f'pajjiż terz bħala proġett pilota f'kooperazzjoni ma' l-Istati Membri
- Proposta għan-negozjar ta' "klawżola ta' kunsens" fi ftehimiet "imħallta" ma' pajjiżi terzi

Azzjoni għall-2009:

- Jingħata tagħrif telefoniku dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni konsolari
- Tiġi eżaminata l-possibbiltà li tiġi żgurata protezzjoni konsolari għall-membri tal-familja ta' ċittadini ta' l-Unjoni li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi
- Jiġi kkunsidrat kif jistgħu jiġu ssimplifikati l-proċeduri għar-ripatrijazzjoni tal-katavri fuq livell multilaterali
- Tiġi kkunsidrata l-ħtieġa għas-simplifikar tal-proċeduri ta' avvanzi finanzjarji
- Tiġi eżaminata l-possibbiltà li tiġi stabbilita sistema ta' kumpens
- Tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li l-Unjoni teżerċita l-protezzjoni li tagħti mid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni f'każi li jaqgħu fil-kompetenza Komunitarja